MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2006

Numru. 1268/2006

PULIZIJA
SPETTUR MICHAEL MALLIA
SPETTUR VICTOR AQUILINA
VS
ADEL SALEH M.B.

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Adel Saleh M.B., ta' 30 sena, bin Mohamed u Miriam nee' Ogili, imwieled Bengazi l-Libja fl-1 ta' Jannar 1976, u residenti fil-fond Haven Lodge Junction, Flat 6, Triq San Gorg, San Giljan, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 33247A, u akkuzat talli nhar it-28 ta' Novembru 2006 u fil-jiem ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti gejjin minn reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 10).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 334 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal hmistax-il (15) xahar prigunerija sospizi ghal tliet snin. Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija. Infatti, tali kooperazzjoni wasslet ghall-inizjar ta' proceduri kriminali kontra terzi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------